

32003D0483

L 162/72

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.7.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ġunju 2003

li tistabbilixxi miżuri transitorji għall-kontroll fuq il-moviment ta' annimali ta' speċi li jistgħu jiġu affettwati bil-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/483/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

l-annimali matul il-ġarr, u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE (7), kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 Ġunju 1990 dwar il-verifiki veterinarji u żootekniċi li jgħoddu għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali haġġin u prodotti, bil-ħsieb li jissaħħa is-suq intern (1), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (2), u l-aktar l-Artikolu 10(4) tiegħha,

- (4) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 dwar il-kriterji Komunitarji għall-postijiet ta' waqfien u li jemenda l-pjanta tar-rotta msemmija fl-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE (8), kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1040/2003 (9), għandhom ikunu jgħoddu mhux aktar kmieni mill-1 ta' Lulju 2004.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/327/KE ta' l-24 ta' April 2001 dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' annimali ta' speċi li jistgħu jintlaqtu bil-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/263/KE (3), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2002/1004/KE (4), tgħodd sat-30 ta' Ġunju 2003.
- (2) Il-Kummissjoni bagħtet proposta biex tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-ngħaġ u l-mogħoż (5), kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (6). Din il-proposta kienet għet addottata mill-Kunsill f'Ġunju ta' l-2003 u d-dispożizzjonijiet emendati għandhom ikunu japplikaw mhux aktar kmieni mill-1 ta' Lulju 2004.
- (3) Il-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-ġarr ta' annimali fil-Komunità huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 fuq il-ħarsien ta'
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/444/KEE tat-2 ta' Lulju 1993 fuq ir-regoli dettaljati li jikkontrollaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali haġġin u prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi (10) teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dawn l-annimali jkollhom magħhom ċertifikat veterinarju li jikkonferma li l-annimali ta' l-ispeċi kkonċernata huma tajbin għall-qatla.
- (6) Biex ikun hemm konsistenza fil-leġislazzjoni tal-Komunità, ikun xieraq li ċerti definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 fuq problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' l-annimali bovini u l-majjali (11), kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1226/2002 (12), u fid-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, ikunu jgħoddu wkoll għal din id-Deċiżjoni.

(1) ĠU L 224, tat-18.8.90, p. 29.

(2) ĠU L 315, tad-19.11.2, p. 14.

(3) ĠU L 115, tal-25.4.1, p. 12.

(4) ĠU L 349, ta' l-24.12.2, p. 108.

(5) ĠU L 46, tad-19.2.91, p. 19.

(6) ĠU L 122, tas-16.5.3, p. 7.

(7) ĠU L 340, tal-11.12.91, p. 17.

(8) ĠU L 174, tat-2.7.97, p. 1.

(9) ĠU L 151, tad-19.6.3, p. 21.

(10) ĠU L 208, tad-19.8.93, p. 21.

(11) ĠU L 121, tad-29.7.64, p. 1977/64.

(12) ĠU L 179, tad-9.7.2, p. 13.

- (7) Huwa meħtieġ li jkun hemm miżuri transitorji għall-kontroll fuq il-ġarr ta' ngraġ u mogħoż u fuq l-użu ta' postijiet ta' waqfien sakemm l-emendi li għandhom isiru għad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 ikunu ġew applikati mill-Istati Membri.
- (8) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

TAQSIMA 1 IS-SUĠĠETT

L-GĦAN U DEFINIZZJONIJIET

L-Artikolu 1

Is-Suġġett u l-għan

- L-għan ta' dan l-att huwa li jkunu stabbiliti miżuri transitorji biex jissaħħaħ il-kontroll fuq il-ġarr ta' annimali ta' speċi li jistgħu jintlaqtu bil-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.
- Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 91/628/KEE, id-Deċiżjoni 93/444/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97.

L-Artikolu 2

Definizzjonijiet

- Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:
 - id-definizzjoni ta' "ċentru ta' tlaqqiġ" approvat fl-Artikolu 2(2)(k) tad-Direttiva 64/432/KEE;
 - id-definizzjoni ta' "bejjieġh" approvat fl-Artikolu 2(2)(m) tad-Direttiva 64/432/KEE;
 - id-definizzjoni ta' "post ta' waqfien" fl-Artikolu 2(2)(ċ) tad-Direttiva 91/628/KEE.
- Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom ukoll jgħoddu:
 - "ċentru ta' tlaqqiġ" ifisser il-bini li fih l-annimali li jkunu ġejjin minn rziezet differenti jinġabru flimkien biex jiffurmaw kunsinni għall-ġarr nazzjonali;
 - "l-azjenda ta' l-orijini" tfisser kull bini li fih l-annimali jkunu qattgħu żmien ta' residenza fi qbil ma' din id-Deċiżjoni;
 - "iż-żmien ta' residenza" ifisser il-preżenza fiżika mingħajr interruzzjoni fl-azjenda ta' l-orijini għal perjodu stabbilit f'din id-Deċiżjoni, jew mit-twelid fil-każ ta' annimali li jkunu iżgħar mill-perjodu tar-residenza, inkluż kull tagħrif irregiżtrat u vverifikat dwar din il-preżenza kif meħtieġ mil-legislażzjoni tal-Komunità;

- (d) "waqfien" tfisser perjodu minn dak tat-trobbija li matulu l-ebda animal biungulat ma jkun iddaħħal fl-azjenda taħt xi kondizzjonijiet inqas stretti minn dawk stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

TAQSIMA 2

IT-TISĦIĦ TAL-KONTROLLI FUQ IL-ĠARR TA' NGRAĠ U MOGĦOŻ

L-Artikolu 3

Il-Kondizzjonijiet għad-dispaċċ ta' ngraġ u mogħoż maħsuba għat-trobbija, is-simna u l-qatla

- In-ngraġ u l-mogħoż maħsuba għat-trobbija, is-simna u l-qatla għandhom imorru fi Stat Membru ieħor, kemm-il darba
 - dawn kienu jgħixu kontinwament fl-azjenda ta' l-orijini mill-inqas għal 30 jum, jew mit-twelid tagħhom, jekk l-annimali jkollhom inqas minn 30 jum;
 - dawn ikunu ġejjin minn azjenda li fiha l-ebda ngraġ u mogħoż oħra ma kienu ddaħħlu matul perjodu ta' 21 jum qabel id-data tad-dispaċċ;
 - dawn ikunu ġejjin minn azjenda li fiha l-ebda annimali biungulati impurtati minn pajjiżi terzi ma kienu ddaħħlu matul perjodu ta' 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ.
- B'deroga mill-paragrafu 1(b) u (ċ), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw id-dispaċċ lejn Stat Membru ieħor, jekk l-annimali msemmija f'dawk il-punti li jkunu ddaħħlu jkunu ġew iżolati kompletament mill-annimali l-oħra kollha li jkun hemm fl-azjenda.

L-Artikolu 4

Il-Kondizzjonijiet għad-dispaċċ ta' ngraġ u mogħoż maħsuba għat-trobbija, is-simna u l-qatla

- In-ngraġ u l-mogħoż maħsuba għat-trobbija, is-simna u l-qatla m'għandhomx ikunu barra mill-azjenda ta' l-orijini tagħhom għal aktar minn sitt ijiem qabel ma jkunu ġew iċċertifikati l-aħħar għall-kummerċ lejn id-destinazzjoni ahharja tagħhom fi Stat Membru ieħor, kif muri fiċ-ċertifikat tas-saħħa.

Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-limitu ta' żmien ta' sitt ijiem għandu jittawwal skond iż-żmien li jieħu l-vjaġġ bil-baħar.

- Wara li jħallu l-azjenda ta' l-orijini, l-annimali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkunsinnati direttament lejn id-destinazzjoni ahharja fi Stat Membru ieħor.

- B'deroga mill-paragrafu 2, l-annimali msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu, wara li jħallu l-azjenda ta' l-orijini u qabel il-wasla tagħhom fid-destinazzjoni ahharja fi Stat Membru ieħor, jgħaddu minn ċentru approvat ta' tlaqqiġ wieħed biss, jew fil-każ ta' annimali għall-qatla mill-bini tal-bejjieġh approvat, li għandu jkun jinsab fl-Istat Membru ta' l-orijini.

Biex ikun approvat għall-bejgħ tan-ngħaġ u l-mogħoż, iċ-ċentru tat-tlaqqiġ għandu jkun jilħaq il-kriterji li hemm fl-Artikolu 11, għajr il-paragrafu 1(e) l-ewwel sentenza, tad-Direttiva 64/432/KEE.

4. L-annimali msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhom fl-ebda żmien, bejn meta jħallu l-azjenda ta' l-oriġini u l-wasla tagħhom fid-destinazzjoni aħħarija

(a) jiġu f'kuntatt ma' annimali ta' l-ifrat għajr dawk li jkollhom l-istess stat ta' saħħa;

(b) jikkompromettu l-istat ta' sa]ja ta' annimali ta' l-ifrat li mhumiex ma]suba g]all-kummer.

5. In-ngħaġ u l-mogħoż maħsuba għall-qatla għandhom jittieħdu direttament lejn biċċerija fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, fejn dawn għandhom jinqatlu kemm jista' jkun malajr, f'mill-inqas 72 siegħa mill-wasla tagħhom.

L-Artikolu 5

Derogi

1. B'deroga mill-Artikolu 3(1)(a) in-ngħaġ u l-mogħoż maħsuba għall-qatla jistgħu jitħallew għall-kummerċ wara perjodu ta' residenza ta' 21 ġurnata biss.

2. B'deroga mill-Artikolu 3(1)(b) u (ċ), u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, in-ngħaġ u l-mogħoż maħsuba għall-qatla jistgħu jiġu kkunsinnati mingħajr ma jwasslu sat-tmien il-waqfa mill-azjenda ta' l-oriġini direttament lejn biċċerija fi Stat Membru ieħor għall-qatla immedjata, mingħajr ma jgħaddu minn ħidma ta' tlaqqiġ jew mingħajr ma jgħaddu minn post ta' waqfien.

3. B'deroga mill-Artikolu 4(2) u (3), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(1), in-ngħaġ u l-mogħoż maħsuba għall-qatla jistgħu, wara li jħallu l-azjenda ta' l-oriġini, jgħaddu minn ċentru ta' tlaqqiġ wieħed addizzjonali taħt il-kondizzjonijiet alternattivi li ġejjin:

(a) jew l-annimali, qabel ma jgħaddu minn ċentru approvat ta' tlaqqiġ imsemmi fl-Artikolu 4(3), jgħaddu minn ħidma addizzjonali ta' tlaqqiġ fl-Istat Membru li joriġinaw taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) wara li jħallu l-azjenda ta' l-oriġini, l-annimali jgħaddu minn ċentru wieħed ta' tlaqqiġ taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, li fl-istess ħin din tkun qed tawtorizza dawk l-annimali biss li jkollhom mill-inqas l-istess stat ta' saħħa, u

(ii) mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-Komunità fuq l-identifikazzjoni tan-ngħaġ u l-mogħoż, l-aħħar ħaġa li għandha ssir f'dak iċ-ċentru ta' tlaqqiġ huwa li l-annimali jkunu identifikati individwalment biex f'kull każ tkun tista' tiġi stabbilita l-azjenda ta' l-oriġini, u

(iii) miċ-ċentru tat-tlaqqiġ l-annimali, waqt li jkollhom fuqhom dokument uffiċjali, jinġarru lejn iċ-ċentru approvat tat-tlaqqiġ li jkun jinsab fl-Istat Membru li joriġinawhom msemmi fl-Artikolu 4(3) biex dawn jiġu ċċertifikati u kkunsinnati direttament lejn il-biċċerija fl-Istat Membru tad-destinazzjoni;

jew

(b) l-annimali jistgħu, wara d-dispaċċ tagħhom mill-Istat Membru li joriġinawhom, jgħaddu minn ċentru ta' tlaqqiġ addizzjonali qabel ma jiġu kkunsinnati lill-biċċerija fl-Istat Membru tad-destinazzjoni taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) jew iċ-ċentru approvat tat-tlaqqiġ ikun jinsab fl-Istat Membru tad-destinazzjoni minn fejn l-annimali, taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali, iridu jittieħdu direttament lejn il-biċċerija fi żmien ħamest ijiem mill-wasla tagħhom fiċ-ċentru tat-tlaqqiġ, jew

(ii) iċ-ċentru approvat l-ieħor tat-tlaqqiġ ikun jinsab fi Stat Membru ta' transitu minn fejn l-annimali jiġu kkunsinnati direttament lejn il-biċċerija fl-Istat Membru tad-destinazzjoni muri fiċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal.

4. L-awtoritajiet ċentrali kompetenti ta' żewġ Stati Membri ġirien jistgħu jagħtu lil xulxin liċenzji ġenerali jew limitati għad-dħul ta' ngħaġ u mogħoż għall-qatla li ma jkunux fi qbil mal-kondizzjonijiet li hemm fil-paragrafi 1 sa 3 jew fl-Artikolu 3(1)(a) u (b), sakemm dawn l-annimali jinġarru taħt kondizzjonijiet li jkunu mill-inqas stretti daqs dawn li ġejjin:

(a) l-annimali jkunu joriġinaw fi u jkunu ġejjin minn azjenda li tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru li jkun magħruf uffiċjalment bħala ħieles mill-marda tal-bruċellosi tan-ngħaġ u l-mogħoż, fi qbil mat-Taqsima II tal-Kapitlu 1 fl-Anness A għad-Direttiva 91/68/KEE, u li fih ma jkun ġie rrapportat l-ebda każ ta' idrofobja jew traċna matul l-aħħar 30 jum qabel ma dawn ikunu tgħabbew, u

(b) l-annimali jkunu identifikati individwalment biex f'kull każ tkun tista' tiġi stabbilita l-azjenda ta' l-oriġini meta dawn jiġu spezzjonati għaċ-ċertifikazzjoni mill-veterinarju uffiċjali fiċ-ċentru approvat tat-tlaqqiġ li jkun jinsab fl-Istat Membru li joriġinawhom, u

(ċ) l-annimali jinġarru fuq it-triq fi qbil mal-pargrafu 2 fil-punt 48 tal-Kapitlu VII fl-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE, direttament lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni biex jinqatlu minnufih mingħajr ma dawn jiġu f'kuntatt ma' annimali oħra ta' l-infart u mingħajr ma jgħaddu minn Stati Membri terzi, u

(d) in-numru tal-liċenza msemija fis-sentenza tal-bidu ta' dan il-paragrafu jkun muri fiċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal li jkun qed jakkumpanja lill-annimali lejn id-destinazzjoni tagħhom.

L-Artikolu 6

Il-kondizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tan-ngħaġ u l-mogħoż għall-kummerċ intra-Komunitarju

1. In-ngħaġ u l-mogħoż għall-kummerċ intra-Komunitarju għandhom jiġu spezzjonati minn uffiċjal veterinarju fi żmien 24 siegħa min mindu jkunu tgħabbew.

2. L-ispezzjoni tas-saħħa għall-ħruġ ta' ċertifikat tas-saħħa, inklużi garanziji addizzjonali, għal kunsinna ta' l-annimali msemija fil-paragrafu 1 għandha ssir fl-azjenda ta' l-oriġini, jew fiċ-ċentru tat-tlaqqiġ, jew inkella fil-bini approvat tal-bejjiegħ.

3. L-annimali għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal fi qbil mal-mudell xieraq ipprovdut fl-Anness E għad-Direttiva 91/68/KE, li f'żieda ma' dan għandu jkollu wkoll dan il-kliehm li ġej:

“Annimali fi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/483/KE”

4. Għal ngħaġ u mogħoż maħsuba għall-qatla li jgħaddu minn ċentru approvat ta' tlaqqiġ fi qbil ma' l-Artikolu 5(3)(b)(ii), il-veterinarju uffiċjali responsabbli miċ-ċentru approvat tat-tlaqqiġ fl-Istat Membru tat-transitu għandu jipprovi ċertifikazzjoni lill-Istat Membru tad-destinazzjoni billi joħroġ it-tieni ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-Mudell I stabbilit fl-Anness E għad-Direttiva 91/68/KE; dan irid jimtela bit-tagħrif meħtieġ miċ-ċertifikat(i) tas-saħħa oriġinali, waqt li jehmżu miegħu kopja uffiċjali tiegħu (tagħhom). F'dan il-każ, il-validità mlaqqa' taċ-ċertifikati m'għandhiex tkun ta' aktar minn 10 ġranet.

5. Il-ġarr ta' l-annimali imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun avżat bil-quddiem mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti tal-post tat-tluq lill-awtoritajiet veterinarji ċentrali kompetenti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u lil kull Stat Membru ta' transitu L-avviż għandu jintbagħat sa mhux aktar tard mill-ġurnata tat-tluq tal-ġarr.

TAQSIMA 3

IT-TISĦIĦ TAL-KONTROLLI FUQ IL-ĠARR TA' ANNIMALI LI JISTGĦU JINTLAQTU MIL-MARDA TA' L-ISLIEN U D-DWIEFER FIL-POSTIJET TA' WAQFIEN

L-Artikolu 7

Il-Ġarr ta' annimali fpostijiet ta' waqfien

1. Fi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1255/97, annimali ta' speċi li jistgħu jintlaqtu bil-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li huma ċertifikati għall-kummerċ intra-Komunitarju m'għandhomx jgħaddu minn postijiet approvati ta' waqfien.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-moviment fpostijiet ta' waqfien jista' jiġi awtorizzat għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali bovini jew majjali li jkunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE, inklużi garanziji addizzjonali, kemm-il darba fil-każ ta' annimali maħsuba għall-qatla, it-tkomplija ta' perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 21 jum f'azjenda waħda qabel ma dawn jinġarru minn dik l-azjenda jew direttament jew fi transitu minn ċentru wieħed approvat ta' tlaqqiġ, tkun appoġġjata biċ-ċertifikazzjoni addizzjonali li ġejja:

“Annimali fi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/483/KE”

3. 3B'deroga mill-paragrafu 1, il-moviment fpostijiet ta' waqfien jista' jiġi awtorizzat għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ngħaġ u mogħoż li jkunu konformi mal-kondizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3, jew, fil-każ ta' annimali għall-qatla, mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 5(1).

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, annimali bovini u majjali li jkunu akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimal u li huma maħsuba għall-qatla fi qbil ma' l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 93/444/KEE u d-Direttiva 64/432/KEE, jistgħu, fi triqthom lejn pajjiżi terzi, jgħaddu fi transitu minn post ta' waqfien.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, annimali li jkunu impurtati fi qbil mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità jistgħu, fit-triq tagħhom tad-destinazzjoni, jgħaddu fi transitu minn post ta' waqfien.

L-Artikolu 8

Il-Kondizzjonijiet li jridu jintlaħqu meta l-annimali jgħaddu minn postijiet ta' waqfien

1. Fejn annimali ta' speċi li jistgħu jintlaqtu bil-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jgħaddu minn postijiet ta' waqfien, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jintlaħqu qabel it-tluq tal-ġarr.

2. Il-kunsinnatarju għandu juri xhieda u jiddikjara bil-miktub lill-awtoritajiet veterinarji li qed jiċċertifikaw li saru arranġamenti xierqa biex ikun żgurat li l-post ta' waqfien li jkun jinsab fil-Komunità jkun irċieva fl-istess żmien annimali ta' l-istess speċi u kategorija biss kif ukoll ta' l-istess stat ta' saħħa, inklużi kull garanziji addizzjonali pprovduti bil-leġislazzjoni tal-Komunità fejn għandhom x'jaqsmu l-ispeċi kkonċernati.

3. Il-pjan tar-rotta għandu jkun msaħħaħ bid-dikjarazzjoni tal-kunsinnatarju msemmi fil-paragrafu 2.

4. L-avviż tal-post ta' waqfien muri fil-pjan tar-rotta li jkun qed jakkumpanja l-kunsinna għandu jintbagħat fi żmien 24 siegħa mit-tluq tal-ġarr mill-awtoritajiet veterinarji li qed jiċċertifikaw lill-awtoritajiet veterinarji ċentrali fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u lil kull Stat Membru ta' transitu.

*L-Artikolu 9***Il-Kondizzjonijiet li jridu jintlaħqu mill-postijiet ta' waqfien**

1. B'deroga mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1255/97, l-Istati Membri jistgħu japprovaw bħala postijiet ta' waqfien il-bini kollu ta' ċentri approvati ta' tlaqqiġh, kemm-il darba dan il-bini jkun iħares ir-Regolament (KE) Nru 1255/97 u din id-Deċiżjoni matul il-perjodu kollu ta' tħaddim bħala post ta' waqfien.

2. L-annimali jistgħu jkunu preżenti fl-istess ħin f'post ta' waqfien wieħed biss, jekk dawn ikunu ta' l-istess stat ta' saħħa, inklużi l-garanziji addizzjonali kollha li hemm fil-leġislazzjoni rispettiva tal-Komunità, u jekk ikunu ta' l-istess kategorija u speċi ta' annimali li għalihom ikun approvat il-post ta' waqfien.

3. Min iħaddem il-post ta' waqfien għandu javża lill-awtorità kompetenti fi żmien ġurnata ta' xogħol wara t-tluq ta' kunsinna t-tagħrif stabbilit fil-punt Ċ. 7 ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1255/97.

3. 4. Il-post ta' waqfien għandu, jaqbel jaċċetta l-annimali:

- (a) jkun beda x-xogħol ta' tindif u diżinfettar sa mhux aktar tard minn 24 siegħa minn wara t-tluq ta' l-annimali kollha li kellu miżmuma qabel, u
- (b) ma kellux fih annimali oħra sakemm ikun tlesta x-xogħol kollu ta' tindif u diżinfettar u sakemm ikun ħareġ sodisfatt il-veterinarju uffiċjali b'dan ix-xogħol.

TAQSIMA 4

DISPOŻIZZJONIJIET TA' L-AĦĦAR*L-Artikolu 10***Trasposizzjoni**

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li huma japplikaw għall-kummerċ biex iġibuhom fi qbil ma' din id-Deċiżjoni, u għandhom jagħmlu minnufih pubbliċità xierqa għall-miżuri li jkunu addottati. Dawn għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

*L-Artikolu 11***Id-Dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Lulju 2003 sat-30 Ġunju 2004.

*L-Artikolu 12***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni